MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2013

Numru. 1106/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Robert Vella**

**VS**

**Clayton Galea, iben Paul u Mary nee' Camilleri, imwieled nhar it-02.07.1985, residenti fil-fond numru 39, Tamarisk, Triq Manwel, Vitale, Rabat, detentur tal-karta tal-identita' numru 341285M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Clayton Galea** li gie akkuzat talli nhar l-24 ta' Awwissu, 2008, ghall-habta ta' 4.30am, fi Triq il-Belt Valletta, Rabat, saq vettura numru CAH794:

1. B'manjiera traskurata;

2. Perikoluza;

3. U qasam il-linji bojod kontinwi;

4. Kif ukoll talli waqt li kien qieghed isuq l-imsemmija vettura, habat ma' vettura numru FAF671; naqas illi jieqaf u meta kien mehtieg naqas li jaghti l-partikolaritajiet tieghu u d-dettalji tal-vettura li kien qieghed isuq kif mitlub bil-Ligi, u naqas li jinforma minnufih lill-pulizija jew lill-Gwardjani Lokali dwar l-imsemmi incident;

5. U aktar saq jew ipprova jsuq, jew kellu kontroll tal-vettura CAH794 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kinx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

6. U aktar talli saq, ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura numru CAH794 fit-triq, f'post pubbliku wara li kkonsma tant alcohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt;

7. U aktar talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Martin Fenech skont kif iccertifikat Dr Agnes Cachia Pickard MD ta' MDH.

Rat illi waqt l-interrogatorju, l-imputat irrisponda li ma kinx hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, a folio 157, u cioe':

a. Fl-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-Artikolu 55(1)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolament 88 tal-Avviz Legali 128 tal-1994 kif emendat (Regolament dwar il-Vetturi bil-Mutur –

Legislazzjoni Sussidjarja 65.11), u r-Regolament 2 u t-Taqsima IV tal-Iskeda tal-Avviz Legali 94 tal-1969 kif emendat (Regolament dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreggata – Legislazzjoni Sussidjarja 65.05);

d. Fl-Artikolu 55(1)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u fir-Regolament 67 tal-Avviz Legali 128 tal-1994 kif emendat (Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur – Legislazzjoni Sussidjarja 65.11);

e. Fl-Artikolu 15A u 15H tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

f. Fl-Artikolu 15B u 15H tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

g. Fl-Artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

h. Fl-Artikolu 17, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll li moqrija l-istess, l-imputat wiegeb illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza originalment bdiet bhala wahda fis-seduta tal-Collisions, infatti l-akkuzi originalment addebitati kienu dawk ta' griehi ta' natura hafifa. Pero, meta gie ezebit ir-rapport mediku tal-Konsulent Dr Alec Sultana, nonostante li ma kinx hemm fratturi, ghalkemm setghu jirrizultaw griehi ta' natura gravi per durata, din il-kawza marret biex tinstema' f'kompetenza ta' kumpilazzjoni.

Illi fil-fatt l-akkuza giet mibdula fi griehi per durata.

Illi mhix-xhieda prodotta jirrizulta li wara li ngabar minn daru l-imputat, dan ittiehed minn PS 1648 Alfred Azzopardi fl-Ghassa tar-Rabat, u hemm kien ghamillu breathalyser test – dan ghaliex meta gabru mid-dar ta' ommu wara l-incicent stradali, kien xammlu riha ta' xorb. Qal illi hawn immarkalu 94 micrograms per 100mls. Zied dan ix-xhud illi l-breathalyser tad-Depot ma kinx qed jahdem.

Jinghad ukoll illi dan il-pulizija kien wasal ghall-imputat bhala dak responsabbli mill-persuna mtajra, stante li xhieda okulari kienu ddeskrivew il-karozza li kellha kulur ahdar partikolari - li skondtu kien jara gewwa r-Rabat. Qal ukoll illi fuq il-post tal-incident kien hemm imxerrdin mal-art bicciet tal-fibre zghar ta’ kulur ahdar metallic. Qal illi l-mutur milqut ukoll kellu brix bl-istess kulur. Meta sab il-karozza li kellu suspett fiha, sabha bil-bumper ta’ quddiem nieqes u b’varji daqqiet ohra. Xehed ukoll illi f’nofs ta’ triq, lil hinn mill-incident , aktar lejn ir-Rabat, fejn kien sejjer jinvestiga l-vettura li kellu suspett fiha, sab bumper tal-fibre tal-istess kulur. Xehed dan is-Surgent illi l-kulur tal-karozza li kellu suspett fiha kien partikolari, ghalhekk wasal ghall-vettura tal-imputat li kellha n-numru tar-registrazzjoni CAA794. Ikkonferma wkoll illi anke l-vittma kien tah deskrizzjoni tal-kulur tal-karozza. Ezebixxa l-PIRS tal-incident Dok PA.

Insibu f’dan il-PIRS illi fuq rapport tal-incident sab fuq il-post mutur li kellu brix b’marki taz-zebgha kulur ahdar. Kif xehed fuq il-post anke kien hemm bicciet tal-fibre ta’ kulur ahdar. Hawn gia’ a tempo vergine jnizzel illi kellu suspett f’persuna li toqghod Emmanuel Vitale. Waslu ghalhekk ghall-vettura CAH794.

Minn naha tieghu PS 163 Robert Azzopardi xehed illi fuq il-post tal-incident sab erba’ xhieda li tawh il-verzjoni taghhom tal-fatti. Anke hu qal illi fuq il-post kien hemm diversi bicciet tal-fibre zghar ta’ kulur ahdar car, u li x’hin spezzjona l-mutur kellu brix u daqqiet tal-istess kulur. Peress li anke x-xhieda qalulu li l-vettura kienet marret direzzjoni tar-Rabat, bdew ‘l hemm telghin, u x’hin kienu ghaddejin minn Main Street, fin-nofs sabu bumper tal-fibre tal-istess kulur hadrani metallic car. Issuspetta f’vettura li kien jara gewwa r-Rabat peresss li dan kien kulur daqsxejn partikolari. Ghalhekk sab il-vettura CAA794 (recte CAH794) u sab illi l-istess kienet minghajr bumper ta’ wara u li kellha daqqa fuq il-bumper ta’ quddiem naha tal-lemin, u kellha wkoll daqqa fuq il-mud guard ta’ wara tan-naha tal-lemin. Kienet ipparkjata ezatt quddiem ir-residenza tas-sid. Kellem lill-imputat - jidher pero li dan bla caution skont il-Ligi. Minhabba li xammlu riha ta’ xorb,

talbu jmur l-ghassa tar-Rabat ghal breathalyser test li hemm ta rizultat ta’ 94 micrograms per 100mls. Mistoqsi in kontro ezami x’testijiet saru biex jitqabblu l-affarijiet li nstabu fuq il-post (fibre) mal-vettura, wiegeb illi xejn ghax ghalih kienu jaqblu.

Minn naha tieghu PC 580 Ismael Mercieca xehed l-istess - qal ukoll illi l-bicciet li sabu fuq il-post tal-incident kienu neqsin mill-vettura. Mistoqsi mill-Qorti gabrux dawn il-bicciet tal-vettura, wiegeb illi ma kinx jiftakar. Xehed illi kien mar mas-Surgent fuq il-vettura fejn l-istess Surgent ghamel il-verifiki tieghu.

Josef Darmanin xehed illi waqt li kien qieghed isuq circa 2,00am, qabzitu karozza li qabzet ukoll it-tnejn ta’ quddiemu, sema’ hoss u ra ragel mal-art. Dan kien qieghed isuq mutur.

Eric Farrugia minn naha tieghu qal illi kien cempillu l-owner tal-mutur, certu Martin Fenech. Sab il-mutur mal-art wara l-incident.

Joseph Vella xehed illi l-incident gara circa 4.30am, waqt illi kienu qed isuqu lejn ir-Rabat, lejn ir-roundabout. Qal illi kif kienu ser jaqbdu t-triq taht l-Imdina ghal St Paul’s Bay, waqt li kien hemm zewg karozzi quddiemhom, karozza minn warajhom qalaghthom lilhom u z-zewg karozzi l-ohra, u sema’ tahbita ta’ mutur li waqa’ mal-art u skiddjat 50 metru. Spjega li dan il-mutur kien gej bil-kontra sejjer lejn Hat Attard. Qal ukoll illi l-vettura li ghamlet l-overtaking marret fil-karreggjata l-ohra, qabel il-white line tan-nofs tat-triq. Ghalih minhabba d-dlam, din il-karozza setghet kienet hadra jew kannella.

Christian Paul Baldacchino, ukoll xhud tal-incident, qal illi anke hu kien bil-qieghda fuq wara ta’ vettura sejra lejn ir-Rabat, kien ma’ xi hbieb. Qalaghthom vettura b’velocita’ li habtet go mutur. Kienu qed isuqu lejn l-Imdina u l-vettura li qalghet giet mnn warajhom, u zied illi meta qalghet marret fuq il-karreggjata l-ohra.

Minn naha tieghu Martin Fenech xehed illi fil-gurnata tal-incident kien niezel lejn Hat-Attard, Mdina Road, u kif wasal, anzi dar mar-roundabout, nizel ‘l isfel lejn Hat Attard. Kien hemm karozza li qabzet zewg karozzi, circa 100 metru qabel ir-roundabout, marret fuq il-lane tieghu u tghajritu. Qal illi spicca mal-art. Insista li l-karozza giet minn naha opposta. Dwar din il-vettura, xehed illi ra biss il-kulur : ahdar. Xehed ukoll illi s-sewwieq baqa’ sejjer, u li x’hin tghajru waqaf f’nofs ta’ triq, imblokka t-triq, it-traffic imbaghad rega’ beda jsuq. Qal illi hu baqa’ mal-art, ma setax iqum.

Dwar il-griehi minnu sofferti, xehed il-konsulent Mr Alec Sultana dwar medical report minnu ezebit (rat ukoll il-verbal a folio 97 fejn id-Difiza ghamlet l-esenzjoni dwar il-provi gia’ prodotti). Gie muri ghalhekk medical report gia’ minnu ezebit, a folio 12, u kkonferma l-griehi hemm minnu konstatati – stabilixxa li minhabba griehi fil-cruciate ligament tal-irkoppa, saqajh ma kinitx giet normali (dan sena u xahrejn wara l-incicent). Tah fil-fatt disabilita’ ta’ 7%.

Minn naha tieghu Stephen Cachia in rapprezentanza tat-Transport Malta, xehed illi ghamel ricerka fuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni CAH794. Qal illi din kienet Ford Orion ta’ kulur ahdar, registrata fuq Clayton Galea ID 341285M, u li kienet ilha hekk registrata minn 2 ta’ April 2007; ezebixxa Dok SC folio 48 et seq.

Semghet it-trattazzjoniijet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza kif gia’ inghad bdiet bhala wahda hekk imsejha tal-Collisions, u minhabba l-griehi sofferti regghet inbdiet bhala kumpilazzjoni, stabbiliti – u dak li messhom l-ewwel ivverifikaw il-pulizija **<u>sew</u>**, (ghax l-ewwel certifikat mahrug kien ta’ griehi ta’ natura hafifa), kienu il-gravita’ vera tal-griehi sofferti!! Din il-Qorti m’ghandha l-ebda dubju, lanqas l-inqas wiehed illi kien l-imputat li bi traskuragni u b’mod perikoluz u arditizmu, mhux talli qala’ vettura, u mhux talli mar fuq in-naha l-ohra tat-triq biex

ghamel hekk – imma talli tajjar persuna u addirittura baqa' sejjer!! Persuna li ghall-qziez u rresponsabbilta' tieghu, bla tort spiccat b'dizabilita'.

Frankamenet dan it-tip ta' sewwieq mhux denn li jkollu licenzja tas-sewqan.

Pero, u hawn il-Qorti tghidu dan b'dispjacir, li stante li l-pulizija ghar-ragunijiet tant ovvji, ma jistghux jaghmluha ta' esperti fl-investigazzjonijiet taghhom – stante li din mhix garanzija ta' indipendenza kif trid il-Ligi, allura ma tressqux provi sufficjenti.

Allura, fuq tali lanjanza u xejn provi ohra, ser ikollha tillibera lill-imputat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu. Dan il-Qorti qieghda tghidu stante li l-unika prova li hemm li kien Clayton Galea s-sewwieq hija fattura xejn objettiva – bhall-magna tal-karozza li kienet ghadha shuna, riha ta' xorb fuq l-akkuzat u l-unika test li sarlu kien dak tal-Ghassa, bicciet ta' karozza migbura mit-triq li fil-fehma biss tal-pulizija kienu tal-vettura tal-imputat - bla ma ndenjaw ruhhom li jitolbu ghal ezami mekkaniku ndipendenti biex tigi stabbilita l-provenjenza tad-danni kemm fuq il-vettura u fuq il-mutur.

Ghaldaqstant kif gia' premess, din il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------